Mar 2016

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR





## Pjazza San Pietru u San Pawl

### tingħata lura lin-Nadurin





# Inawgurazzjoni tal-Pjazza



Ix-xogħol fuq il-Pjazza ewlenija tan-Nadur, ko-finanzjat minn fondi Ewropej, tlesta fi żmien sena, u f'Novembru li għadda dan il-proġett ġie jnawgurat mill-E.T. President ta' Malta. Hekk issa għandna spazju ieħor pubbliku, post rikreattiv u ċentru li jixraqilna. Fix-xhur li ġejjin ser issir aktar ħidma sabiex jiżdiedu is-siġar, ikun hemm postijiet għal imwejjed u siġġijiet, u anke aktar aċċessibilita.

EU co-funded works on the main Square were inaugurated back in November, so that Nadur residents and visitors have now yet another public and recreational space. More enhancements to be carried out in coming months.









## Rilokazzjoni tal-Monti

F'Jannar il-Kunsill kompla jagħti l-ħajja lil Pjazza permezz ta' rilokazzjoni tal-Monti. Issa għandna Monti fil-Pjazza li huwa ferm aktar organizzat u li jixraq lil l-istess ċentru.

Open Market hawkers were relocated in a much more organised manner to the main Square.



## Grazzi Joseph u Awguri Sue-Ellen!



Joseph Azzopardi



Sue-Ellen Buġeja

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jixtieq jirringrazzja lis-Sur Joseph Azzopardi li serva bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fl-aħħar sena, tax-xogħol siewi tiegħu, u jawgura lis-Segretarja Eżekuttiva l-ġdida, is-Sinjura Sue-Ellen Buġeja li bdiet il-ħidma tagħha f'Diċembru li għadda.

Nadur Local Council thanks the ex-Agent Executive Secretary Mr. Joseph Azzopardi and welcomes Ms. Sue-Ellen Bugeja as the new Executive Secretary.

## ĦINIJIET TAL-LIBRERIJA

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis:** | 08:30 - 14:00 |
| **L-Erbgħa, il-Ġimgħa:** | 08:30 - 16:00 |
| **Is-Sibt:** | 09:00 - 12:00 |






Bi pjaċir inħabbru li minn aktar minn 130 elf ktieb mislufa fl-2015 minn 12-il librerija f'Għawdex, aktar minn 57 elf isselfu mil-Librerija tan-Nadur. Dan ċertament huwa frott tal-investiment tal-Kunsill Lokali u ta' dawk li jieħdu ħsieb l-istess librerija.

More than 40% of loaned books from all Gozitan Libraries have been loaned from Nadur Library.



# HALLOWEEN

## OTTUBRU 2015











# Xogħol mil-Kunsill Lokali



Jitlesta x-xogħol fuq Trejqa tal-Plier wara ħsarat kbar

Completion of works at Tal-Plier



Jitlesta x-xogħol fuq il-bini tat-Triq li waqgħet f'Tad-Duru

Completion of works at Tad-Duru

# Il-Kunsill Lokali Jibqa' Jikkollabora!

## Continuous Events Collaboration



Kunċert tal-Milied – Museum Nadur

Christmas Concert



Festa ta' San Blas – Frar 2016

San Blas Feast

# Karnival Organizzat
## fil-31 ta' Jannar 2016

### Organised Carnival

Dan kien l-ewwel Karnival organizzat b'suċċess wara li tlesta l-proġett tal-Pjazza, anke bi pjattaformi li nbnew apposta biex isir dan l-avveniment kbir.

The first Organised Carnival following the embellishment of the main Square.




































# Karnival Spontanju

## 5 sa 9 ta' Frar 2016

**Spontaneous Carnival**



# Milied 2015

**Christmas**

Kunsill Lokali ikkollabora anke mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepji –Sezzjoni Nadur - f'żewġ attivitajiet artistiċi li jagħmlu ġieh lin-Nadur.

Collaboration by Nadur Local Council with 'Għaqda Ħbieb tal-Presepji' – Nadur Section.



## Wirja ta' Presepji u Arti Sagra

Sacred Art Exhibition



# Presepju Ħaj

**The Living Nativity in Nadur**









## Tiżjin tal-Pjazza u Toroq fil-Milied

Il-Kunsill ħa ħsieb li jżejjen il-Pjazza u Toroq fiċ-Ċentru b'tiżjin ġdid u li jixraq lil proġett il-ġdid tal-Pjazza.

New street and square decorations for Christmas 2015.



## Nadur 8K

Il-Kunsill organizza għal l-ewwel darba, b'suċċess kbir, ġirja ta' 8km u mixja ta 5km, f'Novembru 2015 fit-toroq tan-Nadur. Attivita li kienet suċċess, b'riżq Puttinu Cares, li għaliha pparteċipaw madwar 250 persuna.

First successful edition of Nadur 8km run and 5km walk in Nadur, for which 250 persons participated.



# Rikonoxximent għall-ħidma tagħhom

## Council Day Acknowledgements

Premju Ġieh in-Nadur lil Kan. Dun Ġużepp Grech għal ħidma kbira tiegħu fil-lokalita.

Locality Honour to Fr. Joseph Grech





Residenza Onorarja lis-Sindku ta' Cicciano Dr. Raffaele Arvonio u lil Prof. Nicola de Luca.

Honorary Residence to Cicciano Mayor Dr. Raffaele Arvonio and Prof. Nicola de Luca.

Rikonoxximent tal-ħidma tagħhom lil żewġ ex-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ, Nicholas Haber u Danica Cassar.

Acknowledgement to Nicholas Haber and Danica Cassar for their work as Ambassadors for Youths.



# Aktar Attivitajiet f'Jum il-Kunsill

## More Council Day Activities







Wirja ta' Arti "Infinite Abilities" flimkien ma' Inspire Malta

Art Exhibition with Inspire Malta



Tournament tal-Futbol tal-Under 11s fil-Grawnd P.P. Camilleri

Football Tournament for Under 11s



# Avviżi

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, b'fondi Ewropej, qed jinstalla numru ta' totems li jindikaw ir-rotot għal l-isbaħ mixjiet fin-Nadur. Dawn kollha jitilqu mil-Pjazza u jieħdu lil viżitaturi fl-isbaħ postijiet fil-lokalita. Qed nitolbu lil kulħadd sabiex jifhem l-importanza ta' dawn it-totems, nevitaw kull tip ta' vandaliżmu, u ninkoraġġixxu lir-residenti li jkunu huma stess dawk li jieħdu ħsieb dak li jagħmlilna ġieħ. Kull rapport li jirċievi l-Kunsill jkun trattat b'mod kunfidenzjali, u rapporti anonimi jiġu milquha wkoll.

The Nadur Local Council is installing walking paths totems in several areas, funded by the EU. Whilst expecting everyone to understand the concept behind these, we condemn any type of vandalism, and encourage residents to report (even anonymously) any sort of act to damage these totems.







